



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 13.7.2018
C(2018) 4550 final

Sur President,

Il-Kummissjoni tixtieq tirringrazza lill-Kamra tad-Deputati għall-Opinjoni Motivata tagħha dwar il-proposta għal Direttiva tal-Kunsill li tistabbilixxi r-regoli dwar it-tassazzjoni korporattiva ta' preżenza diġitali sinifikanti {COM (2018) 147 final} u dwar il-proposta għal Direttiva tal-Kunsill dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq is-servizzi diġitali fir-rigward tad-dħul li jirriżulta mill-provvista ta' ċerti servizzi diġitali {COM (2018) 148 final}.

Il-Kummissjoni l-ewwel nett tixtieq tfakkar x'inhu l-kuntest ġenerali tal-proposti u l-għanijiet tagħhom. L-ekonomija diġitali qed tittrasforma l-mod kif ninteraġixxu, nikunsmaw u ninnegozjaw, b'mod li ġġib ħafna beneficiċċi għas-soċjetà. Sabiex jiġi sfruttat il-potenzjal kollu tat-trasformazzjoni diġitali, il-Kummissjoni għamlet is-Suq Uniku Diġitali waħda mill-ogħla prioritajiet tagħha. Tassazzjoni ġusta u effettiva hija essenzjali biex tgħin lis-Suq Uniku Diġitali jilħaq il-milja tiegħu. Huwa importanti li jiġi pprovdut ambjent aġġornat tat-taxxa li fih l-attivitajiet diġitali jiġu rikonoxxuti għall-valur ġust tagħhom u li fih il-kumpaniji b'orjentazzjoni diġitali jkunu jistgħu jikbru u jibbenfikaw minn ambjent tan-negozju prevedibbli u ġust.

F'dan l-isfond, il-Kummissjoni identifikat bħala għanijiet ġenerali tal-inizjattiva tagħha (1) l-integrità u l-funzjonament korrett tas-suq uniku, (2) is-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi, (3) li jiġu żgurati l-korrettezza u kundizzjonijiet ekwi għan-negozji kollha u (4) il-ġlieda kontra l-ippjanar aggressiv tat-taxxa.

B'dawn il-proposti, il-Kummissjoni qed twieġeb ukoll għall-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tad-19 ta' Ottubru 2017, li ssottolinjaw il-ħtieġa għal sistema ta' tassazzjoni effettiva u ġusta, xierqa għall-era diġitali u li kienu wkoll qed jistennew proposti xierqa mill-Kummissjoni sa kmieni fl-2018.

Il-Kummissjoni tieħu nota kif xieraq tat-ħassib espress mill-Kamra tad-Deputati dwar il-konformità tad-Direttivi proposti mal-prinċipju tas-sussidjarjet.

*Is-Sur Anglu FARRUGIA
Il-President tal-Kamra tad-Deputati
Il-Palazz
MT – VALLETTA VLT 1115*

L-argumenti ewlenin li jiġi għażiex azzjoni fil-livell tal-Unjoni Ewropea huma spjegati hawn taħt.

Il-proposta għal regoli dwar preżenza diġitali sinifikanti għandha l-għan li tindirizza l-problemi maħluqa mill-qafas attwali tat-taxxa korporattiva, li mhux qed iżomm mal-pass tal-karatteristiċi l-ġodda tas-settur diġitali, li mhumiex speċifiċi għal xi Stat Membru wieħed idžza jikkostitwixxu sfida komuni għall-Unjoni Ewropea kollha kemm hi. Fil-fatt, dawn il-problemi għandhom dimensjoni internazzjonali għax l-għeruq tagħhom jinsabu fil-qafas internazzjonali tat-taxxa u jikkonċernaw każi jiet fejn l-aktivitajiet diġitali jitwettqu fuq livell transfrutnier.

Hija meħtieġa inizjattiva komuni fis-suq intern għal applikazzjoni diretta u armonizzata tar-regoli dwar preżenza diġitali sinifikanti fl-Unjoni sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi ta' kompetizzjoni għall-Istati Membri kollha u biex il-kontribwenti jkollhom ċertezza tad-dritt. Jekk l-għan huwa li jiġu adottati soluzzjonijiet li jiffunzjonaw għas-suq intern kollu, il-pass xieraq 'il quddiem jista' jittieħed biss permezz ta' inizjattivi kkoordinati fil-livell tal-Unjoni Ewropea. Din l-azzjoni tkun iktar effikaċi u effiċjenti minn politiki nazzjonali differenti peress li twassal għal tnaqqis fil-piż tal-konformità għan-negozji soġġetti għar-regoli l-ġodda. Azzjoni Ewropea kkoordinata tiżgura wkoll li din il-kwistjoni tiġi indirizzata mingħajr ma ssir ħsara lis-suq uniku u lill-kompetittività tiegħu.

B'reazzjoni għat-tħassib imqajjem mill-Kamra tad-Deputati dwar il-ħtieġa li jinżammu regoli internazzjonali koerenti, il-Kummissjoni tixtieq tenfasizza li fl-aħħar mill-aħħar għandna bżonn soluzzjoni globali għar-riforma tal-qafas internazzjonali tat-taxxa biex jiġu indirizzati b'mod effettiv il-kwistjonijiet tat-tassazzjoni tal-ekonomija diġitali. Għal dan il-ġhan, il-proposta tal-Kummissjoni dwar it-tassazzjoni korporattiva għal preżenza diġitali sinifikanti tipprovdi bażi biex dawn l-ideat jiġu żviluppati f'kuntest Ewropew ġalli dan ikun jista' jintuża biex jinforma u jipprovdi impetu għad-diskussionijiet internazzjonali, u dan huwa vantaġġ ieħor tal-azzjoni fil-livell Ewropew. Fi kwalunkwe każ, il-Kummissjoni qed taħdem mill-qrib mal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi biex issostni l-iżvilupp ta' soluzzjoni internazzjonali.

Filwaqt li huwa minnu li din il-proposta tolqot kunċetti importanti tat-taxxa, bħall-istabbiliment permanenti, hemm qbil ġenerali dwar il-ħtieġa li jiġu aġġornati dawk il-kunċetti fid-dawl tal-isfidi maħluqa mill-ekonomija diġitali. F'dan ir-rigward, it-Task Force dwar l-Ekonoma Diġitali tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi analizzat diversi għażiex, inkluż alternativi għal-limitu massimu eżistenti tal-istabbiliment permanenti, ibbażiti fuq il-“preżenza ekonomika sinifikanti”¹.

Il-Kamra tad-Deputati ssemmi l-fatt li din il-proposta tinvolvi trattament differenti bejn kumpaniji stabbiliti fi Stat Membru u kumpaniji stabbiliti f'għurisdizzjoni mhux tal-Unjoni (li jistgħu jkunu koperti minn ftehim ta' tassazzjoni doppja jew le). Dan huwa minħabba

¹ OECD (2018), Tax Challenges Arising from Digitalisation – Interim Report 2018: Inclusive Framework on BEPS, p.4, OECD/G20 Base Erosion and Profit Shifting Project, OECD Publishing, Paris. <http://dx.doi.org/10.1787/9789264293083-en>.

li l-ambitu tad-Direttivi fir-rigward tal-konvenzionijiet tat-taxxa doppja ffirmati mill-Istati Membri mas-sħab internazzjonali tagħhom fil-qasam tat-tassazzjoni diretta, huwa konfinat fi ħdan l-Unjoni. Għal din ir-raġuni, il-Kummissjoni adottat ukoll Rakkomandazzjoni² li tindirizza xenarji mhux tal-Unjoni li jkunu jeħtieġu bidliet fil-konvenzionijiet tat-taxxa doppja bejn l-Istati Membri u s-sħab tagħhom mhux mill-Unjoni.

Il-Kummissjoni taqbel mal-Kamra tad-Deputati li l-implementazzjoni u l-monitoraġġ tal-impatt tal-erożjoni tal-bażi u tal-azzjonijiet tat-trasferiment tal-profiti huma importanti biex jiġi indirizzat l-ippjanar aggressiv tat-taxxa. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni qed taħdem mal-Istati Membri biex tassisti fl-implementazzjoni tad-dispożizzjonijiet fid-Direttiva Kontra l-Evitar tat-Taxxa fl-Unjoni Ewropea. Madankollu, l-indirizzar tal-isfidi tat-tassazzjoni tal-ekonomija diġitali ma jfissirx biss li jiġu indirizzati l-erożjoni tal-bażi u t-trasferiment tal-profiti. Dan jinvolvi wkoll l-adattament tal-qafas internazzjonali tat-taxxa għall-modi l-ġodda ta' kif isir in-negozju fl-ekonomija diġitali.

B'reazzjoni għat-tħassib imqajjem mill-Kamra tad-Deputati dwar il-bżonnijiet tas-swieq iżgħar, il-Kummissjoni tixtieq tinnota li huma meħtieġa regoli uniformi sabiex tiġi żgurata applikazzjoni konsistenti u kundizzjonijiet ekwi fl-Istati Membri kollha u bixx tingħata ċertezza legali lill-kontribwenti.

Fir-rigward tal-proposta għal sistema komuni ta' taxxa fuq is-servizzi diġitali, wieħed irid iżomm f'moħħlu li sforzi internazzjonali għar-riforma tal-qafas tat-taxxa korporattiva biex jiġu koperti l-attivitàajiet diġitali ta' kumpaniji x'aktarx li se jieħdu ż-żmien. Sadanittant, l-Istati Membri jistgħu jintroduċi miżuri interim unilaterali biex jindirizzaw l-isfidi tat-tassazzjoni tal-kumpaniji tal-ekonomija diġitali. Uħud minn dawn il-miżuri, li jistgħu jkunu ta' natura mill-iktar differenti, digħi jinsabu fis-seħħ jew qiegħdin jiġu ppjanati mill-Istati Membri. Kif spjegat fil-valutazzjoni tal-impatt li takkumpanja din il-proposta, dawn l-esperjenzi nazzjonali jvarjaw b'mod sinifikanti, u huwa improbabli li mingħajr ċertu grad ta' koordinazzjoni, l-Istati Membri differenti kkonċernati jieħdu approċċ komuni. Azzjonijiet nazzjonali mhux ikkoordinati joħolqu kumplessità, jikkontribwixxu għal distorsjonijiet fis-suq uniku u jżidu r-riskju ta' tassazzjoni doppja. F'dan ir-rigward, tenħtieġ azzjoni Ewropea biex timmitiga l-frammentazzjoni tas-Suq Uniku u l-ħolqien ta' distorsjonijiet tal-kompetizzjoni fl-Unjoni minħabba azzjonijiet unilaterali diverġenti bħal dawn fil-livell nazzjonali.

Il-Kummissjoni finalment tixtieq tenfasizza li soluzzjoni Ewropea għandha valur miżjud meta mqabbla ma' politiki nazzjonali differenti minħabba li tinvolvi tnaqqis fil-piż tal-konformità għan-negozji soġġetti għar-regoli l-ġodda u tagħti wkoll sinjal b'saħħtu lill-komunità internazzjonali dwar l-impenn tal-Unjoni Ewropea li taġixxi biex tiżgura tassazzjoni ġusta tal-ekonomija diġitali.


Fuq dik il-bażi, il-Kummissjoni tqis li l-proposti huma konformi mal-prinċipju tas-sussidjarjetà.

² C (2018) 1650 final.

Il-kummenti ta' hawn fuq huma bbażati fuq il-proposti inizjali tal-Kummissjoni, li huma attwalment fil-proċess leġiżlattiv fil-Kunsill.

Il-Kummissjoni tittama li l-kjarifikasi f'din it-tweġiba jindirizzaw it-tħassib imqajjem mill-Kamra tad-Deputati u tinsab ħerqana li tissokta d-djalogu politiku fil-ġejjieni.

Dejjem tiegħek,



*Is-Sur Frans Timmermans
L-ewwel Viċi President*



Pierre Moscovici

*Is-Sur Pierre Moscovici
Membru tal-Kummissjoni*